MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## MARK CHETCUTI

Seduta tas-16 ta' April, 2012

Citazzjoni Numru. 237/2012

**Thebes Holdings Limited**

**vs**

**Printshop Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-5 ta’ Marzu 2011 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u tletin euro u tnax-il centezmu (€21,130.12), liema somma certa, likwida u li ghalqet tirrapprezenta parti minn bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti u makkinarju in konnessjoni mal-printing mibjugha u kkonsenjati lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta konvenuta kif ukoll ghal servizzi ancillari in konnessjoni mal-istess;

2. Illi l-parti l-ohra tal-bilanc ta' prezz dovuta mill-konvenuta lill-attrici hija fl-ammont ta' elf, disa' mija u erbatax-il euro u tmienja u disghin centezmu (€1,914.98) u hija koperta minn kambjali illi sal-lum ghadhom ma immaturawx, allura dan l-ahhar ammont ser ikun mertu ta' procedura separata u sussegwenti;

3. Illi minkejja illi s-socjeta attrici bieghet u ikkonsenjat l-oggetti u makkinarju in konnessjoni mal-printing kif ukoll servizzi ancillari, is-socjeta konvenuta ghadha ma hallsitx is-somma dovuta minnha u msemmija fil-paragrafu 1., u dan minkejja bosta interpellazzjonijiet, kif ukoll l-iffirmar ta' serje ta' ghaxar (10) kambjalijiet fl-import komplessiv ta' tmint elef u wiehed u tmenin euro u tmienja u sittin centezmu (€8,081.68);

4. Illi l-ammont imsemmi fil-paragrafu 1. huwa dejn cert, likwidu u dovut u fil-fehma tas-socjeta attrici jikkonkorru l-elementi preskritti mill-artikoli 167 sa 170 tal-Kap. Tnax (12) tal-Ligijiet ta' Malta sabiex din il-kawza tigi deciza skond it-talba bid-dispensa tas-smigh tal-kawza;

5. Illi fil-fehma tas-socjeta attrici s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet validi x'taghti ghat-talba tar-rikorrenti;

6. Illi l-esponenti jaf b'dawn il-fatti personalment;

Ghaldaqstant, tghid is-socjeta konvenuta Printshop Limited ghar-ragunijiet premessi ghaliex m'ghandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u moghtija l-provvedimenti opportuni:

1. Tiddispensa l-kawza mis-smigh u dana ai termini tal-artikoli mija u sebgha u sittin (167) et sequitur tal-Kap. XII tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Tiddikjara illi s-socjeta konvenuta hija debitrici tas-socjeta attrici fis-somma komplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u tletin euro u tnax-il centezmu (€21,130.12) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti u makkinarju in konnessjoni mal-printing mibjugha u

kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta konvenuta kif ukoll ghal servizzi ancillari in konnessjoni mal-istess;

3. Tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lis-socjeta attrici s-somma komplessiva ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u tletin euro u tnax-il centezmu (€21,130.12) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti u makkinarju in konnessjoni mal-printing mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta konvenuta kif ukoll ghal servizzi ancillari in konnessjoni mal-istess;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kap. 12 tal-10 ta' Jannar, 2012, kif ukoll dawk tal-mandat ta' qbid numru 180/12 mahrug fl-14 ta' Frar, 2012, u bl-imghaxijiet kummercjali skond il-ligi kontra is-socjeta konvenuta illi ir-rapprezentanti taghha huma minn issa issa ingunti in subizzjoni;

B'rizerva ghad-dritt li jigu inoltrati proceduri ohra rigward is-somma ta' elf, disa' mija u erbatax-il euro u tmienja u disghin centezmu (€1,914.98);

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta' rikorrenti;

Rat il-verbal tas-27 ta' Marzu 2012;

Rat id-digriet taghha tat-3 ta' April 2012 fejn il-Qorti ma sabitx li s-socjeta konvenuta kellha difiza valida ghall-azzjoni proposta;

Semghet ix-xhieda ta' Dr. Mohab Fahmi fis-seduta tat-3 ta' April 2012 li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz mis-socjeta attrici ghadu kollu dovut kif mitlub billi ma thallas ebda parti minnu;

Rat il-verbal tal-istess seduta tat-3 ta' April 2012 fejn id-difensuri tal-partijiet iddikjaraw li ma ghandhomx aktar provi u lanqas ma ghandhom osservazzjonijiet verbali jew bil-miktub x'jaghmlu;

## Decide

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talba attrici tidher gustifikata, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta konvenuta thallas lis-socjeta attrici l-ammont komplessiv ta' wiehed u ghoxrin elf, mija u tletin euro u tnax-il centezmu (€21,130.12) rapprezentanti bilanc ta' prezz ta' diversi oggetti u makkinarju in konnessjoni mal-printing mibjugha u kkonsenjata lis-socjeta konvenuta fuq ordni u inkarigu tal-istess socjeta konvenuta kif ukoll ghal servizzi ancillari in konnessjoni mal-istess, bl-ispejjez u bl-imghaxijiet kollha kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------